**Qorti Civili**
**(Sezzjoni tal-Familja)**

**Onor. Imhallef Robert G. Mangion, LL.D.**
**Dip.Tax (MIT), P.G.Dip. Mediation (Melit.)**

**Illum 31 ta' Mejju 2016**

Rikors Guramentat Nru. 41 / 15RGM

Kawza fil-lista: 6

**A B**

**Vs**

**L-Avukat Mark Mifsud Cutajar u l-Prokuratur Legali Madeleine Firman li b'digriet datat 20 ta' April 2015 gew nominati kuraturi deputati ghan-nom tal-assenti C B nee' D**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attur li permezz tieghu ppremetta u talab is-segwenti:-

1. Illi r-rikorrenti u l-intimata izzewgu fir-Registru Pubblika gewwa l-Belt Valletta fl-1 ta' Gunju tas-sena 2007, kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg, u minn dan iz-zwieg kellhom tifel li twieled fl-20 ta' Jannar tas-sena 2014, kif jidher mic-certifikat tat-twelid;

2. Illi l-intimata abbandunat id-dar matrimonjali u ghalhekk hija responsabbli ghall-hall ta' zwieg bejn il-partijiet ghar-ragunijiet li jissemmew fil-Ligi;

3. Illi in vista ta' dan, ir-rikorrenti jixtieq li jissepara minn ma' martu u jigi regolat l-kura, l-kustodja u l-manteniment tat-tifel minuri, E B, u dan fl-ahjar interess suprem tal-minuri;

4. Illi din l-Onorabbli Qorti awtorizzat lill-attur sabiex jipprocedi bic-citazzjoni prevja konferma tal-ittra bil-gurament u prevja n-nomina tal-kuraturi deputati ghall-assenti kemm-il darba jkun il-kaz, u dan kif jirrizulta mid-Digriet numru 204/15, in segwitu ghall-ittra tal-medjazzjoni tal-attrici bin-numru 98/15 pprezentata fil-21 ta' Jannar tas-sena 2015;

5. Illi kontestwalment ma' din il-kawza gie pprezentat ukoll rikors ghall-hatra tal-kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw l-assenti C B nee’ D;

6. Illi l-attur jaf b'dawn il-fatti personalment.

Tghid ghalhekk l-istess intimata ghaliex m'ghandiex din l-Onorabbli Qorti :-

1. Tiddikjara li l-intimata hija unikament responsabbli ghat-tkissir taz-zwieg odjern, ghal dawk ir-ragunijiet inter alia indikati fir-rikors mahluf odjern, jew liema minnhom, u 'lli abbazi taghhorn qeghda tintalab il-firda personali bejn il-kontendenti;

2. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti stante r-ragunijiet indikati, jew liema minnhom;

3. Tiddikjara xjolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u tillikwida 1-istess, tenut kont kemm l-attiv u kif ukoll il-passiv tal-istess komunjoni; tillikwida wkoll kull kreditu li r-rikorrenti ghandu kemm versu l-komunjoni tal-akkwisti u kif ukoll versu l-intimata; sussegwentement tiddividi l-bilanc formanti l-istess komunjoni tal-akkwisti f'zewg porzjonijiet, occorrendo bl-opra ta' periti nominandi sabiex jeffettwaw kull likwidazzjoni necessarja u jipproponu pjan ta' divizjoni;

4. Tassenja l-istess porzjonijiet, wahda lir-rikorrenti u l-ohra lill-intimata;

5. Tiddikjara u tordna illi l-kura u l-kustodja tat-tifel minuri E B li twieled nhar fl-20 ta' Jannar tas-sena 2014, ghanda tigi fdata esklussivament f’idejn l-attur ad eskluzjoni tal-intimata b'dana li l-istess Qorti ghandha wkoll tiddikjara u tordna li l-istess tifel minuri ghandu jghix flimkien mal-attur gewwa Malta ad eskluzjoni tal-intimata;

6. Tiffissa manteniment xieraq ghat-tifel minuri E B skont il-bzonnijiet tal-istess u b'kunsiderazzjoni tal-mezzi tal-intimata;

7. Tordna lill-istess intimata thallas dik is-somma hekk stabbilita kull xahar bhala manteniment ghall-istess tifel minuri;

8. Tordna li s-sentenza eventwali ta' din l-Onorabbli Qorti tigi registrata fir-Registru Pubbliku.

Bl-ispejjez kontra l-intimata.

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati L-Avukat Dr Mark Mifsud Cutajar u l-PL M Firman bhala kuraturi deputati ghan-nom ta' l-assenti C B nee` D pprezentata fil-11 ta' Mejju 2015, li taqra kif gej:-

Illi l-esponenti m'humiex edotti mill-fatti u ghalhekk qed jirrizervaw id-dritt li jipprezentaw risposta motivata f'kaz u jekk jigu edotti mill-fatti;

Rat il-provi u d-dokumenti kollha esebiti;

Rat in-nota guramentata tal-attur (fol 84);

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attur li giet mahlufa minnu stess (fol 151);

Rat l-atti kollha;

Rat li l-kawza thalliet ghall-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat:

**Provi**

L-attur jixhed bil-mezz tal-affidavit (fol 70) u jghid, in succint, li ltaqa` mal-intimata f'Lulju tas-sena 2006 gewwa stabbiliment Paceville u ghamlu l-kumplament tal-hmistax-il gurnata li ghamlet Malta flimkien. Jghid li wara telqet ir-Russja kien mar hdejha. Qabel ma gie lura qalilha biex tinzel tghix Malta u accettat. Wara xahar jew xahar u nofs giet Malta u baqghu dejjem flimkien sa' Awwissu tas-sena 2014. Izzewgu fl-1 ta' Gunju tas-sena 2007, jigifieri inqas minn sena wara li ltaqghu. Hass li kien jafha bizzejjed biex jizzewwigha.

Qabel iz zwieg ir-relazzjoni taghhom kienet sabiha hafna, u qatt ma jaf li ggieldu. Kienu johorgu hafna u kien jonfoq hafna flus aktar mis-soltu u dak iz-zmien ma kienx self employed imma bil-paga, allura kien jghinu missieru. L-intimata kienet dejjem kuntenta u ma ghamlitlu l-ebda kundizzjoni qabel iz-zwieg, anzi kien saqsiha tridx li jkollha tfal mieghu, u qaltlu iva. Wara iz-zwieg xtraw il-post ta' Marsaskala flimkien u missieru kien tah €3,000 sabiex ikun

jista' jaghmel xi hlasijiet fuq il-kuntratt. Qabel dan il-post ta' Marsaskala kienu joqghodu Haz-Zabbar f'appartament bil-kera.

Jghid li seta` jixtri l-post meta dahal bi shab ma' missieru Joseph B, bil-hanut tat-*Take Away*, ghalkemm jghid li ghas-sena 2014, lanqas €10,000 ma' ghamel. Jghid li meta kienu jargumentaw, l-ghada jew filghaxija kien jghaddi kollox. F'dawn is-snin kollha, qatt ma kellhom problemi. Kienu jsiefru kull sena r-Russja, biex hi tara lil ommha u l-familja taghha. L-ewwel erbgha snin kien imur maghha, u l-ahhar tlett snin, marret dejjem wehidha biex ma jhalliex il-hanut wahdu.

Jghid li rigward flus hija ma kien jonqosha xejn. Kien ihallas kollox hu, kontijiet, home loan, mobile, u karozza. Hija ma kinitx la tahdem u lanqas issuq, kif ukoll kien jitfalha il-flus fl-account darba fil-gimgha meta kienet tkun ir-Russja sabiex ikollha x'tonfoq u ma tkunx qieghda hemmhekk b'xejn. Bejn mija (€100) u mija u hamsin (€150) Ewro fil-gimgha kien jibatilha.

L-iktar li kienu johorgu ma' Kevin u tfajla tieghu, girien taghhom go Marsaskala, ghaliex huwa wkoll kellu tfajla barranija u kienu johorgu flimkien. Kien jaccetta ukoll li jigu xi hbieb taghha tliet gimghat shah ghandhom darba fis-sena mir-Russja, jieklu u jghixu ghandhom, apparti li kienu jigu hafna drabi hawn Malta ommha, huha u l-partner ta' ommha. Jghid li ghalhekk hija kwazi qatt ma kienet tkun wehidha, bl ammont ta' hrug, shopping u safar.

Jghid li dak li kien idejqu hu li kienet qisha ma tapprezzax ghaliex dejjem stenniet karozza imma qatt ma riedet tohrog tahdem. Kull interview li marret, tilfitu ghaliex ma kenitx titkellem bil Malti. Fil-frattemp baqa` jhallas kollox hu, anka l-*home loan* u ghadu sal-gurnata tal-lum ihallsu wahdu. Jghid li hi kienet tircievi *children's allowance* biss fil-kont bankarju li kellha mal-BOV, il-bqija qatt ma kellha xejn. L-unika problema li kien hemm, kien li ghamlet perjodu li ma setax ikollha tfal, u qaltlu li mir-Russja kienu qalulha li ghandha xi problema. Jghid li kien imur iwassalha ghand il-gynaecologist imma qatt ma kienet thallih jidhol maghha ghand it-tabib u hu kien jinkwieta. Darba kienet avvicinatu qaltlu li bdiet tibza' ghaliex ma setax ikollha tfal imma hu xorta kien kuntent. Infatti l-unika problema li kellhom kienet il-kwistjoni li ma kinitx thallih jidhol maghha ghand il-gynaecologist.

Imbaghad kien hemm perjodu fejn kienet hxienet hafna u biex tkun forsi tista' tinqabad tqila kienet ghamlet id-dieta. Jghid li hu kien ghena, kien qata` s-sigaretti u ma baqax jiekol imbarazz. Kien iwassalha l-Fortina Spa Resort u kien halsilha €1400 nutrionist u naqset xi tletin kilo. Imbaghad inqabdet pregnant, u kienet l-ewwel darba li hallietu jidhol maghha ghand it-tabib. Qabel kienet tghid li ma thosshiex komda, u li dawk affarijiet personali taghha.

Jghid li fl-20 ta' Jannar tas-sena 2014, twieled E fl-lsptar Mater Dei. Kienu kuntenti hafna u gew jghixu maghhom ommha, l-partner t'ommha, u huha xahar shih wara li twieled E. Jghid li ma kellhomx bizzejjed spazju imma ma riedux imorru lukanda u ha pacenzja bihom. Jghid li ghalkemm kien ikun xoghol, xorta kien jiehu hsieb lit-tifel u ghamel iljieli shah mieghu ghaliex hi kienet saret nervuza. Bil-lejl qatt ma riedet toqghod mieghu. Jghid li mbaghad il-verita' bdiet tohrog, malli twieled it tifel il-kompromess sparixxa mir-relazzjoni u f'daqqa wahda bdiet taghmillu hajtu difficli u tgholli lehinha. Jghid li riedha tmur ghand gynaecologist, forsi kellha bzonn xi ghajnuna, imma rrifjutat.

Jghid li nduna li xi haga hazina kien hemm, lanqas thallih ibusha, jghannaqha u hajja sesswali wara t-tifel spiccat kompletament. Jghid li ried juri s-sapport kollu, u minflok spicca jorqod fuq is sufan ghal tmien xhur shah, ghax kienet tghidlu li issa m'hemmx bzonn li jorqod maghha u li jiehu spazju hafna u jolqot it-tifel. Jghid li t-tifel kellu sodda li xtralu missieru ghal €700 u li ma riditx tuzaha. Jghid li kien qisu jdejjaqha hdejn it-tifel imma z-zewgt iqtates li kellhom ma kienux.

Jghid li darba kienu bbq ghand ohtu u ghax ha tazza nbid ghamlet plejtu shih u qabdet u riedet titlaq. Kienu ghadhom lanqas kielu u ohtu iddispjaciha hafna. Jghid li f'daqqa wahda l-intimata ma riedet lil hadd jersaq lejn it tifel, u bdiet tgerger ghax imorru ghand ommu. Anke l-ikla tal-Hadd ghand ommu bdiet tiddejjaq tmur. Hadd ma seta' jersaq lejhom la darba kellhom lil E.

L-ahhar glieda kienet meta riedet bilfors tmur f'Awwissu bit-tifel ir-Russja, meta kellu 7 xhur biss, minflok f'Dicembru. Jghid li saret isterika. Imbaghad meta ghaddiet taghha u marru bit-tifel ir-Russja u bghatitu lejn Malta, irrealizza li ma kinitx kuntenta. Lilu kienet qaltlu li t-tifel ried ikollu bilfors passaport Russu, halli tkun tista' tiehdu ir-Russja. Il-kliem taghha kien car, li hu riedha "to be stuck in Malta forever". Dan kollu minkejja li t-tifel setghu ghamlulu visa u seta' jidhol ir-Russja flimkien mieghu meta riedu.

Meta bghattitu lura Malta, kienet qaltlu li kellha problema bil-passport taghha u riedet tirrangaha u ghalhekk nizel. Il-passaport taghha kien ilu skadut sitt snin, dak Russu, u qatt ma gedditu u kien ghalhekk li emminha. Jghid li xi jumejn wara rcieva messagg: *"Sorry, I'm not coming back. At 8'o clock I will send you an email with explanation. Your password ABl977 or ABl00477".*

Jghid li wara dan l-sms, bghatitlu email u qalet hafna hwejjeg li mhumiex vera, li qatt ma hassitha welcome, u hafna gideb fuq ommu u missieru. U qalet li hu ma ssaportjahix, li weggaghha u li ghamlilha hajjitha difficli. Jghid li hassu se

jiggennen, mar ghand psikjatra, spicca fuq il-kalmanti, ghaliex tilef hajtu u t-tifel kien hajtu kollha. Spicca anke habat bil karozza u gabha total loss, lanqas kien jaf x' qed jaghmel peress li ma raqadx ghal tlett xhur shah minn mindu hija ma rritornatx lura. Jghid li ghamel granet icempel it-telefown tad-dar t'ommha u hadd ma jkellmu. Ghadhom sal-gurnata tal-lum ma jkellmuhx. Jghid li lilha halliha gewwa Kaliningrad fir-Russja, u indirizz taghhom qatt ma kellu. Imbaghad wara gimghat ghamlu kuntatt u bdew jibghatu emails u sms. Imma t-tifel qatt ma riedet turihulu lanqas fuq WebCam. Qaltlu li mhux taqbel m'ommha u telqet m'ghand ommha u marret go flat iehor. Qaltlu li hi trid tghix hajjitha, li qatt ma hija gejja lura, u biex imur isib mara u jizzewwigha, jaghmel tfal ohra u jghix hajtu.

Jghid li darba rah fuq skype u ghax emozzjona ruhu bdiet tirrabja u qaltlu li mhux sa tarah aktar. B'kollox kellu okkazzjoni li jarah tlett darbiet fuq skype. Imma l-ahhar messagg li bghatitlu qaltlu li ma tridux maghhom u jekk imur jghix ir-Russja hu, jisraqulha. Barra minn hekk, jghid li irrealizza li meta darba mar id-dar u sab pakkett karti, li pprintjat mill- kompjuter tad-dar, go folder bl-isem ta' "Maltese Law" din kienet qeghda tfittex fuq id- drittijiet taghha. Kienet qaltlu li ommha fir-Russja xtaqet tkun taf dwar il-Ligi Maltija.

Jghid li jhoss li fl-istat li tinsab C mhix kapaci tiehu hsieb lil ibnu E. Mhux biss ghax finanzjarjament hija ma tistax, imma ghax ghandha problemi mentali kbar. Ghalhekk ihoss li fl-ahjar interess tal-minuri il-kura u l-kustodja tieghu tigi fdata esklussivament f'idu. Barra minn hekk, fl-ahhar li tkellmu kienet qaltlu li hija qed taghmel xi xoghol tan-negozju li ghandha ommha fir-Russja, u ghalhekk kien ser jkollha tibghat lil E, go child care.

Jghid ukoll li ghamel minn kollox mal-awtoritajiet biex igib lil ibnu lura ghaliex din tammonta ghal *child abduction*. Sahansitra ikkomunika mac-*Central Authority* ta' Malta u anke mal-Ministeru tal-affarijiet barranin biex igib lil ibnu lura izda ma rnexxilux.

Jixhed ukoll missier l-attur **Joseph B** bil-mezz tal-affidavit (fol 74), li in succint jghid li qabel it-tieg A kien jahdem, imma biex izomm lill-intimata fuq wicc l'idejn kien imur ghandu ghall-flus, u kien tah tlett elef (€3000) Ewro biex ikun jista' jaghmel *down-payment* fuq il-konvenju tal-post li imbaghad xtara ma' C f'Marsaskala. Apparti dawn, matul iz-zmien kien baqa` jtih il-flus.

Anke wara li twieled it-tifel, xtrawlhom sodda ghall-baby ta' €700, u hafna hwejjeg fi kwantita' kbira. Jghid li A ukoll kien jaghmel sagrificcji kbar ghaliha, specjalment rigward l-ikel, kien ikollu jiekol bhalha halli hija taghmel id-dieta, u kien qata' s-sigaretti meta inqabdet tqila u kien jahdem hafna biex

ikollu biex izommha, ghaliex hija qatt ma hadmet. Jghid li hi qatt ma qaghdet lura, ghaliex tghid li hemm A biss jahdem.

Jghid li lit-tifel kienet tkellmu biss bir-Russu halli la huma u lanqas A ma jifhem x'inhu jigri.

Jghid li hi kienet tifla mill-ahjar, imma kien hemm mumenti fejn ma kinitx f'sikkita. Jghid li wara t-tifel qisha bdiet tissuppervja naqra, u jkun qed jitkellem maghna A, perezempju qed jiccajta u tghidlu, *"A, stop it"*. Anka qabel gieli ghamlitha din il-bicca li tahtfu imma wara t-tifel 1-affarijiet saru naqra iktar ristretti. Kienet saret hafna iktar serja.

Jghid li rigward karattru taghha, qatt ma raha tibki jew turi xi emozzjonijiet. Kienet titkellem b'certu serjeta' u kienet dittura fuq 1-affarijiet li tghid. Kienet tidher kuntenta maghhom izda mbaghad indunaw li ma kinux jafuha. Darba lil A qaltlu li ommu kienet anglu, daqs kemm kienet ittiha affarijiet ghad-dar u gghalha thossha tajjeb. Ghalhekk jghid kif imbaghad qabdet u ma gietx lura ghalihom huwa misteru.

Darba cemplitlu u qaltlu, *"Come, because A is very mad"* ghaliex riedet li 1-parrina ta' E kellha tkun xi wahda mir-Russja, u A qallha biex iggib familjari mir-Russja imma hi riedet iggib barranija, li qalet li habiba taghha. Jghid li nizel ghandhom izda sab kollox f postu.

Jghid li kien hemm okkazjoni ohra, fejn cempel A, u qallu biex jinzel id-dar ghaliex ma setax jifhem x'garalha ghaliex bdiet tagixxi b'mod isteriku u mhux normali, f'daqqa wahda. Jghid li hi riedet issiefer f'Awwissu minflok fil-Milied, u bdiet tghajjat ma' A.  Jghid li qabel siefru kienu marru ghandhom, kielu maghhom, biddlet lit-tifel u telqu lejn l-airport. Jghid li l-airport bilkemm qaltilhom caw u hadet il-hwejjeg kollha maghha, vacuumed halli joqghodu gol-bagalja. Jghid li t-tifel tieghu tghidx kemm beka` u ta fuq wiccu meta qaltlu li ma kinitx ser tigi lura. Jghid li ilu ma jara lill-minuri tmien xhur shah u la jaf fejnha l-intimata u lanqas it-tifel.

Jghid li ibnu li kien biezel tant spicca bil-kalmanti, habat bil-karozza u tghidx kemm kien inkwetat.

Tixhed ukoll oht l-attur **Roseanne Sultana** bil-mezz tal-affidavit (fol 77) illi in succint tghid illi dejjem kienet tara lill-partijiet bhala koppja normali u qatt ma taf li rathom jiggieldu. Tghid li kellha relazzjoni tajba hafna mal-intimata u kienu anke johorgu flimkien u kienet tmur ghandha u qatt ma rat xejn. Tghid li l-intimata kemm damet Malta qatt ma hadmet u wara z-zwieg kienu hadu home loan u mlew il-post flimkien. Tghid li qatt ma rat lill-attur igib ruhu hazin anzi

kien jaghmel minn kollox biex jikkuntentaha. Tghid li kien johrogha u jonfoq u jaghmel dak kollu li tixtieq. Tghid li wara t-tifel ma kinitx baqghet close maghha u bdiet tinqata` wahedha. Tghid li meta baghtitlu l-sms l-attur kien mar hdejhom u beda jaghti fuq wiccu u jibki ghaliex kienet haditlu t-tifel u ma kinitx gejja lura. Tghid li huwa minnu li kienet tara lill-intimata naqra mifxula wara t-tifel imma ma kinitx marida u apparti li kienet qisha tinqata` ghaliha u saret supperva u ma tridx tiltaqa`, ma ratiliex problemi ohra.

Omm l-attur **Mary Anne B** wkoll tixhed bil-mezz tal-affidavit (fol 79) u tghid li bejn wiehed u iehor il-partijiet kienu jigu bejn tlett darbiet sa erbgha darbiet fil gimgha ghandha d-dar, inkluz il-Hadd f'nofsinhar. Tghid li r-relazzjoni ta’ C maghha kienet tajba, la qatt kellhom xi jghidu u dejjem gabet rispett lill-familjari ohra, bhall-ahwa ta’ A. L-iktar li kienet tkompli mat-tifla Rosanne.

Tghid li kemm damu mizzewgin 1-affarijiet dejjem normali kienu, ma kienux jiggieldu. Tghid li kienu jsiefru wehidhom, u kienu jmorru dejjem r-Russja flimkien, imbaghad wara xi ftit snin ghamlet habta kienet tmur ir-Russju wehidha biex tara 1-ommha. Dejjem marret u regghet giet. Tghid li anke mal-familja taghha kienu jmorru tajjeb. Ma kien hemm xejn x’jindikalhom li forsi C qaltilhom xi haga fin negattiv dwar A.

A dejjem hadem, u kien ihallas kollox hu, fis-sens ta’ kontijiet u dejn fuq il-post taghhom ta’ Marsaskala. Tghid li meta l-konvenuta inqabdet tqila kienet ferhana ha ttir. Waqt it-tqala kollox tajjeb kien sejjer, A waqqaf is-sigaretti u beda jiekol bhalha. Tghid li wara li twieled it-tifel, hi bdiet tinzel hafna aktar minn qabel ghax ma baqghux imorru daqshekk ghandha imma ix-xahar li ghamlet hemm ommha, marret biss darbtejn. Tghid li wara li twieled il baby kienet saret naqra iktar fitta u kienet qed issir naqra difficli versu A, imma A dejjem issapportjaha.

Tghid li darba cemplet id-dar u kellmet lir-ragel u qaltlu li ggieldu. Imbaghad marru d-dar, ghaliex hi riedithom hemm, u bdiet tghid li ggieldu fuq il-maghmudija, fuq min ha jkun parrinu jew le. Imbaghad kien hemm okkazjoni ohra, meta cempel A u kellem lir-ragel u qalilhom biex jinzlu d dar, ghax iggieldu. A qalilhom li C kellha bzonn l-ghajnuna biex tiehu hsieb it-tifel wehidha, ghaliex A kien ikun ix xoghol u hija bdiet taghmel hafna fuss zejjed fuq it tifel.

Tghid li tifhem li ghal mara li jkollha l-ewwel iben tkun naqra forsi mgerfxa ghall- bidu imma ma tistax tifhem ghalfejn ma gietx lura. Qabel telqu r-Russju kienu marru d-dar bit-tifel u kienu jidhru normali anke kielu maghhom. Tghid li ghaliha xokk kbir u nkwetata hafna ghax ilha ma tara lit-tifel minn Awissu tal-2014.

Jixhed ukoll **Kevin Mejlak** bl-affidavit (fol 82) fejn jghid, in succint, illi r-relazzjoni tieghu mal-attur kibret meta beda relazzjoni wkoll ma' barranija, Russa, bhal mara ta' A B ghal habta ta' sitt snin ilu. Saru hbieb u bdew johorgu flimkien u jmorru ghandu xulxin. Jghid li dejjem rahom tajbin bhala koppja mizzewwga. Kien izommha fuq wicc 1-idejn u kien itiha kollox, fis-sens li qatt ma naqasha xejn. Qatt ma rahom jiggieldu. Dejjem rahom bhala koppja kemm qabel C kellha t-tifel u kemm wara li kellhom lil E.

Lil E rah biss darbtejn meta mar bir-rigal wara li twieled u darb'ohra d-dar ta' A. B'dispjacir jghid li r-relazzjoni ma' A u C ma baqghetx 1-istess wara li twieled E. C ma riedet lil hadd jersaq lejhom. A kien qallu li C qisha ma riedet lil hadd u ma riditx li jibqghu jiltaqghu, kif kienu qabel.

Jghid li sar jaf li siefru, wara li gie huwa lura mir-Russja ghaliex kien cempillu jibki. Kien qallu li mar holiday maghha r-Russja, u hadu t-tifel maghhom. Qallu li meta nizel lura, bghattitlu email fejn qaltlu li mhux gejja lura u r-relazzjoni taghhom spiccat. Kien dejjem jibki meta jisma' lehnu, kien jghidlu li hajtu spiccat u li hadd ma jista' jghinu, u dan rigward it-tifel.

Ikkunsidrat:

**Htija ghas-Separazzjoni**

Ezaminata t-testimonjanza mhux kontestata tal-attur jirrizulta bl-aktar mod car illi z-zwieg tal-partijiet tkisser irrimedjabbilment b'tort uniku tal-intimata, b'mod partikolari minhabba l-abbandun taghha tad-dar konjugali. L-attur ikkonferma bil-gurament illi l-intimata telqet minn Malta b'mod definittiv f'Awwissu 2014, u t-tentattivi tieghu sabiex hija u binhom jirritornaw sfaw inutili. Ghalhekk l-intimata rrendiet ruhha hatja tat-tkissir taz-zwieg ta' bejn il-partijiet minn Awwissu 2014, meta hija telqet minn Malta u ma ghamlitx ritorn flimkien ma' binhom minuri li dak iz-zmien kellu biss ftit xhur.

Harsa lejn il-premessi u t-talbiet tal-attur jindikaw illi huwa mposta l-kawza ta' separazzjoni personali propju fuq l-abbandun ikkontemplat fl-Artiklu 41 tal-Kap 16 li jipprovdi illi:

*Kull waħda mill-partijiet miżżewġa tista' wkoll titlob il-firda jekk, għal sentejn jew iżjed, tkun abbandunata mill-oħra, mingħajr raġuni tajba.*

Ghalkemm huwa minnu illi l-intimata ma ilhiex sentejn li abbandunat id-dar matrimonjali, din il-Qorti taghti kredibilita` lix-xhieda tal-attur bil-gurament tieghu, b'mod partikolari fejn jghid illi l-intimata stess gharrfitu illi ma ghandha

ebda intenzjoni tirritorna lura Malta u li sahansitra heggitu sabiex isib mara ohra u jibni familja gdida. Permezz ta' dan il-kliem, u anke permezz tal-komportament taghha li mhux biss ma ghamlitx ritorn izda sahansitra qatghet kull kommunikazzjoni ta' binhom ma' missieru, immanifestat l-intenzjoni taghha li tallontana ruhha minn zewgha b'mod permanenti u li ma ghandha ebda intenzjoni tirritorna. L-allontanament taghha u ta' binhom b'ingann, u c-cahda taghha li l-attur jara lill-ibnu minghajr giusta kawza, u sahansitra li jkollu informazzjoni dwar il-qaghda fizika u emozzjonali ta' ibnu hija, fil-fehma ta' din il-Qorti, raguni sufficjenti sabiex il-Qorti tilqa` t-talba tal-attur ghal separazzjoni personali minn mal-intimata, b'tort unikament taghha.

**<u>L-Effetti tal-Artikolu 48 et seq tal-Kap 16</u>**

Il-konsegwenzi ghal min mir-ragel jew il-mara jaghti lok ghall-firda huma elenkati fl-artikolu 48, li jipprovdi:

*48. (1) Il-parti, ir-raġel jew il-mara, illi tkun il-ħtija tal-firda għal waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikoli 38 u 41 titlef -*
*(a) il-jeddijiet imsemmijin fl-artikoli 631, 633, 825, 826 u 827;*
*(b) dak kollu li tkun kisbet mill-parti l-oħra b'donazzjoni bi ħsieb taż-żwieġ, jew waqt iż-żwieġ, jew taħt titolu ieħor gratuwitu;*
*(ċ) kull jedd ta' parti miż-żwieġ għan-nofs tal-akkwisti illi jkunu saru l-aktar bil-ħidma tal-parti l-oħra wara data stabbilita mill-qorti bħala d-data meta l-parti għandha tkun kunsidrata li minnha tkun ħatja tal-firda. Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu biex jiġi determinat jekk akkwist ikunx sar l-aktar bil-ħidma ta' waħda mill-partijiet fiż-żwieġ, għandhom jitqiesu l-kontributi b'kull mod taż-żewġ partijiet skont l-artikolu 3;*
*(d) il-jedd li iġġiegħel lill-parti l-oħra, f'kull każ, li tagħtiha l-manteniment bis-saħħa tal-obbligu li jitnissel miż-żwieġ.*

*(2) Il-ħwejjeġ imsemmijin fis-subartikolu (1)(b) jerġgħu jmorru għand il-parti l-oħra, u l-akkwisti msemmijin fil-paragrafu (ċ) ta' dak is-subartikolu jibqgħu kollha għal din il-parti, bla ħsara tal-jeddijiet li l-ulied jew terzi persuni oħra jkunu kisbu fuq dawk l-istess ħwejjeġ qabel ma s-sentenza tal-firda tkun ġiet imniżżla fir-Reġistru Pubbliku.*

Skont l-artikolu 52 tal-Kap 16, il-Qorti ghandha diskrezzjoni li tiddeċiedi, skont iċ-ċirkostanzi, jekk id-disposizzjonijiet tal-artikolu 48 għandhomx igħoddu, f'kollox jew f'biċċa, għar-raġel u għall-mara, jew għal wieħed jew għall-oħra biss, inkella, jekk għandhomx jgħoddu għal ħadd minnhom, jekk il-wieħed u l-oħra jkunu hatja ta' egħmil li jagħti lok għall-firda.

Fil-fehma tal-Qorti l-agir tal-intimata, konsistenti fl-abbandun b'ingann tad-dar matrimonjali, kif ukoll ic-cahda ta' kwalsiasi kuntatt jew komunikazzjoni bejn l-attur u ibnu, jimmerita s-sanzjonijiet imposti mil-ligi. Ghalhekk il-Qorti qed tapplika kontra l-intimata is-sanzjonijiet kontemplati fl-artikolu 48 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, u dan b'effett minn Awwissu tas-sena 2014 li hija d-data meta l-intimata telqet minn Malta u ma ghamlitx ritorn.

**Komunjoni tal-Akkwisti**

Irrizulta mill-provi li l-intimata kienet unikament responsabbli ghall-firda. Hija qatt ma hadmet kemm damet Malta, filwaqt li l-attur ghandu mpieg regolari, u kull ma nxtara waqt iz-zwieg, xtrah hu bil-flus mill-hidma tieghu. L-intimata qatt ma kkontribwiet. Jirrizulta wkoll kemm mill-affidavit tieghu kif ukoll min-nota ta' sottomissjonijiet, li kemm ghal dawk il-ftit xhur illi l-intimata damet Malta qabel iz-zwieg, kif ukoll wara z-zwieg, l-attur kien imantni lill-istess intimata u johrog spejjez ghaliha f'ammonti konsiderevoli. Dan kollu qed jittiehed in konsiderazzjoni minn din il-Qorti sabiex tasal ghad-decizjonijiet hawn taht riportati.

*Dar Matrimonjali*

Jirrizulta illi l-partijiet xtraw id-dar matrimonjali taghhom Michael's Court, Apt 4, Triq Salvu Buhagiar, Marsascala, permezz ta' kuntratt pubbliku datat 9 ta' Frar 2010, u allura fiz-zwieg. Jirrizulta wkoll illi filwaqt illi missier l-attur kien tah is-somma ta' €3,000 biex ihallas parti mid-depositu fuq l-istess fond, kien ittiehed ukoll self fl-ammont ta' €77,600 fuq l-istess fond. In kwantu l-intimata qatt ma hadmet, ir-rati mensili thallsu dejjem bil-hidma tal-attur.

Il-Qorti rat l-Artikolu 55A(1) tal-Kap 16 li jipprovdi:

*(1) Meta tagħti s-sentenza tal-firda, il-qorti għandha, fuq it-talba ta' xi waħda mill-partijiet, tordna, skont iċ-ċirkostanzi: (a) li xi parti minnhom għandha toqgħod fid-dar taż- żwieġ, ad esklużjoni tal-parti l-oħra, u għal dak il-perjodu u taħt dawk il-kondizzjonijiet li l-qorti jidhrilha xierqa; jew (b) li d-dar taż-żwieġ għandha tinbiegħ, fejn tkun sodisfatta illi ż-żewġ partijiet u uliedhom ser ikollhom akkomodazzjoni oħra xierqa, u li r-rikavat tal-bejgħ għandu jiġi assenjat lill-partijiet kif il-qorti jidhrilha xieraq; jew (ċ) fejn id-dar taż-żwieġ tkun tappartjeni liż-żewġ partijiet, li tassenja d-dar taż-żwieġ lil xi parti minnhom, liema parti jkollha tikkumpensa lill-parti loħra għat-telf finanzjarju soffert: Iżda f'kull każ, il-qorti għandha tqis dan li ġej: (a) l-aħjar interess tal-ulied minuri, inkluż l-impatt li jista' jkun hemm fuq l-ulied minuri jekk tilqa' talba magħmula skont dan l-artikolu; (b) il-ġid tal-partijiet u tal-ulied; u (ċ)*

*jekk il-partijiet għandhomx, jew jekk bil-mezzi u l- ħiliet tagħhom jistax ikollhom, post ieħor fejn jgħixu.*

Skont l-artiklu su-kkwotat, parti fiz-zwieg li tigi assenjata d-dar matrimonjali ghandha tigi kkumpensata ghat-telf finanzjarju li tkun soffriet.

Din il-Qorti hija ghalhekk tal-fehma illi filwaqt illi d-dar matrimonjali, bid-dejn rimanenti fuqha, ghandha tigi assenjata esklussivament lill-attur, l-intimata ghandha tibbenefika biss, ossia tigi kkumpensata biss, ghal nofs il-pagamenti mensili li saru fuq is-self tad-dar matrimonjali, mid-data tal-akkwist tal-fond in kwistjoni sad-data tat-tluq taghha minn Malta, jew ahjar minn Frar tas-sena 2010 sa Awwissu tas-sena 2014, inkluz nofs id-depozitu li sar fuq il-prezz tal-fond.

*Kera*

Sehem l-attur mill-kera tal-fond 326, Triq id-Duluri, Hamrun qeghdha tigi assenjata lilu, ad eskluzjoni tal-intimata.

*Self iehor*

Iz-zewg facilitajiet ta' self mal-Bank of Valletta, msemmija mill-attur fin-n-nota ta' sottomissjonijiet tieghu, u li l-attur qieghed ihallas wahdu ghandhom jigu assenjati esklussivament lilu.

*Mobbli*

In kwantu l-attur jissottometti illi l-mobbli li jinsabu fil-fond gew mixtrija fil-maggor parti taghha mad-dar matrimonjali, dan sejrin jigu assenjati wkoll lill-attur.

Il-vettura tat-tip Honda Accord bin-numru ta' registrazzjoni CCC143 qed tigi assenjata lill-attur wahdu in kwantu mixtrija wara d-data li fiha l-intimata ddekadiet skont l-Artiklu 48 tal-Kap 16.

L-assikurazzjoni fuq il-hajja marbuta mad-debitu bankarju ghandha tigi assenjata lill-attur in kwantu s-self fuq id-dar qieghed jigi assenjat lilu wkoll.

Mill-bqija, il-kontijiet bankarji li jghajjtu lill-partijiet wahedhom ghandhom jigu assenjati lil dik il-parti li fuqha huwa intestat, filwaqt li kwalsiasi dejn jew debiti li jghajjtu lil parti wahda ghandhom jigu assenjati lil dik il-parti.

**Kura u Kustodja u Manteniment ghall-minuri**

**L-Aqwa Interess tal-Minuri.**

L-attur qed jitlob li jigi akkordat il-kura u kustodja tal-minuri.

Skont **Artikolu 56 tal-Kapitolu 16** tal-Ligijiet ta' Malta intitolat "Hsieb tal-Ulied wara l-Firda" jipprovdi illi:

*(1) Meta tagħti s-sentenza tal-firda, il-qorti għandha tordna wkoll lil liema waħda mill-partijiet għandha tiġi fdata l-kustodja tat-tfal u l-konsiderazzjoni ewlenija tkun il-ġid tal-ulied.*

*(2) Il-qorti tista', jekk tqis li dawk il-miżuri jkunu tassew meħtieġa, u wara li tqis iċ-ċirkostanzi kollha rilevanti, tordna li l-ulied jitqiegħdu taħt fil-kustodja ta' persuni in loco parentis, ta' terzi, jew f'xort'oħra ta' kura.*

*(3) Il-qorti tista' tagħti dawk l-ordnijiet fis-sentenza tal-firda, għalkemm fl-azzjoni għaliha ma tkun saret ebda talba, dwar il-kustodja tal-ulied.*

*(4) Il-qorti tista', f'kull żmien, tirrevoka jew tibdel dawk l-ordnijiet dwar l-ulied, meta l-interessi tal-ulied hekk jitolbu.*

*(5) Il-qorti tista' barra dan, meta ċ-ċirkostanzi hekk jeħtieġu, tistabbilixxi li xi ħadd mill-ġenituri jew it-tnejn ikunu miċħuda mill-jeddijiet tal-awtorità tal-ġenituri għal kollox jew f'parti.*

F'materja ta' decizjonijiet illi jirrigwardaw il-minuri, l-ezercizzju li jrid isir mill-Qorti huwa mill-iktar rigoruz in kwantu jrid jigi stabbilit, abbazi tal-provi kollha migjuba quddiemha, dak li huwa fl-ahjar utilita' u vantagg taghhom, li c-cirkostanzi tal-kaz u l-koefficjenti tal-fatti partikulari tal-mument ikunu jissuggerixxu [Vide : **Giuseppe Scicluna vs Maria Scicluna pro et noe** deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-31 ta' Mejju, 1958 (Vol. XLII.ii.1068); **A Galea vs Samah Mansour (325/08)** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fid-29 ta' Jannar 2016 u l-gurisprudenza hemm citata in materja].

"Fis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet **John Cutajar v. Amelia Cutajar** (28 ta' Jannar 1956) l-istess Qorti qalet: "apparti l-hsieb ta' ordni morali u dak ta' ordni legali, li ghandhom setgha fil-materja ta' kura u kustodja tat-tfal in generali, il-principju dominant 'in subiecta materia' li jiddetermina normalment il-kwistjonijiet bhal din insorta f'din il-kawza huwa dak tal-aktar utilita` u dak tal-aqwa vantagg u interess tal-istess minuri fl-isfond tac-cirkustanzi personali u de facto li jkunu rrizultaw mill-provi tal-kaz li jrid jigi rizolut." "Dan il-hsieb huwa fuq kollox rifless fl-Artikolu 149 tal-

Kodici Civili li jghid li l-Qorti ghandha dejjem tiddeciedi fl-ahjar interess tal-minuri (Appell Civili, **Marion Meli v. Emanuel Meli**, 5 ta' Dicembru 2014). "Anke fil-kawza fl-ismijiet **Jennifer Portelli pro et noe v. John Portelli** (25 ta' Gunju 2003) l-istess Qorti qalet li "… … il-kura tat-tfal komuni tal-mizzewgin, sew fil-ligi antika … … sew fil-ligi vigenti … … kif ukoll fil-gurisprudenza estera … … u f'dik lokali … … hija regolata mill-principju tal-aqwa utilita` u l-akbar vantagg ghall-interess tal-istess tfal li c-cirkostanzi tal-kaz u l-koefficjenti tal-fatti partikolari tal-mument ikunu jissugerixxu." "Fis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet **John Cutajar v. Amelia Cutajar** (28 ta' Jannar 1956) l-istess Qorti qalet: "apparti l-hsieb ta' ordni morali u dak ta' ordni legali, li ghandhom setgha fil-materja ta' kura u kustodja tat-tfal in generali, il-principju dominant 'in subiecta materia' li jiddetermina normalment il-kwistjonijiet bhal din insorta f'din il-kawza huwa dak tal-aktar utilita` u dak tal-aqwa vantagg u interess tal-istess minuri fl-isfond tac-cirkustanzi personali u de facto li jkunu rrizultaw mill-provi tal-kaz li jrid jigi rizolut."; "Dan il-hsieb huwa fuq kollox rifless fl-Artikolu 149 tal-Kodici Civili li jghid li l-Qorti ghandha dejjem tiddeciedi fl-ahjar interess tal-minuri (Appell Civili, **Marion Meli v. Emanuel Meli**, 5 ta' Dicembru 2014).

**Ritenzjoni Illegali tal-Minuri mill-Omm gewwa r-Russja.**

Il-Qorti tosserva illi l-minuri twieled gewwa Malta f'Jannar tas-sena 2014, u ghalhekk illum ghandu madwar sentejn u nofs. Huwa ilu jghix 'l boghod minn Malta sa minn Awwissu tas-sena 2014, meta l-partijiet kienu telghu ghal btala flimkien gewwa r-Russja, izda l-intimata flimkien ma' binhom ma rritornatx lura Malta.

Dan ifisser illi tul dawn il-proceduri, il-minuri baqa` ma nstabx. Ma ngabet a konjizzjoni ta' din il-Qorti ebda informazzjoni jew prova dwar is-sitwazzjoni attwali ta' dan il-minuri. Ma huwiex maghruf fejn qieghed, ma' min qieghed, u lanqas ma hemm informazzjoni dwar l-istat emozzjonali u fiziku tieghu.

Illum il-minuri u l-omm wisq probabli jinstabu gewwa r-Russja. L-avvenimenti li waslu ghal din is-sitwazzjoni l-attur jiddeskrivihom b'dan il-mod:-

"L-ahhar glieda kienet meta riedet bilfors tmur f'Awissu bit-tifel ir-Russja, meta kellu 7 xhur biss minflok f'Dicembru. Qalet paniku shih u saret isterika. Imbaghad ghaddiet taghha u morna bit-tifel ir-Russja u bghatitni lejn Malta, nghid li irrealizzajt li ma kenitx kuntenta allura………Meta bghatitni lura Malta kienet qaltli li kellha problema bil-passaport taghha u riedet tirrangah u ghalhekk inzilt. Il-passaport taghha kien ilu skadut sitt snin, dak Russu, u qatt

ma gedditu u kien ghalhekk li emmintha." Xi jumejn wara li kien ilu li gie wahdu lura Malta jircevi messagg minghand il-konvenuta li jaqra kif gej: "Sorry, I'm not coming back. At 8 o'clock I will send you an email with explanation….."

Dan sehh f'Awwissu 2014. L-attur mill-ewwel avvicina lill-Awtorita' Centrali ta' Malta sabiex jinbdew proceduri ta' sekwestru ossia ritenzjoni illegali taht il-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980. L-attur spjega illi ghalkemm ghamel kuntatt mac-*Central Authority* ta' Malta u anke ma' avukati Russi sabiex isib lil ibnu, sallum jirrizulta illi dawn l-isforzi ma ssarrfux f'rizultat utili in kwantu l-minuri baqa` ma giex rintraccjat. L-attur spjega wkoll illi anke l-Awtorita' Centrali ta' Malta ma intervjenitx mal-Awtorita' Centrali tar-Russja minhabba diffikultajiet legali.

L-attur ressaq bhala xhud rapprezentant tal-Awtorita' Centrali ta' malta, id-Dipartiment tas-Social Welfare Standards, **Dr John Axiak** li spjega illi ghal ragunijiet li jmorru lil 'hinn mill-volonta` tal-attur, fiz-zmien li t-tifel gie ritenut mill-omm gewwa r-Russja it-talba tal-attur lill-Awtorita' Centrali Maltija sabiex jiskatta l-process fit-termini tal-Konvenzjoni tal-Aja tas-sena 1980 sabiex l-imsemmi minuri jigi ritornat lura Malta ma setghatx tigi processata mill-awtorita' Maltija. L-istess xhud jispjega li dak iz-zmien kien hemm diffikultajiet sabiex jigi mhaddem il-mekkanizmu tal-Hague Convention bejn Malta u r-Russja in kwantu f'Opinjoni ta-Qorti tal-Gustizzja Ewropeja sahqet illi pajjizi membri tal-Unjoni Ewropeja ma jistghux jaqbdu u jirrikonoxxu *third parties* li dahlu wara li giet iffirmata l-Konvenzjoni, jekk ma jkunx hemm ir-rikonoxximent tal-pajjizi tal-Unjoni Ewropeja f'daqqa. Dan huwa propju l-kaz tar-Russja, in kwantu Malta ma setghatx dak iz-zmien thaddem il-mekkanizmu pprovdut mill-Konvenzjoni minghajr ir-rikonoxximent tal-istat membri l-ohra kollha.

L-Opinjoni tal-Qorti Ewropea tal-Gustizzja li ghaliha ghamel referenza Dr Axiaq fix-xhieda tieghu moghtija f'Gunju 2015 hija Opinjoni numru 1/13 moghti mill-Grand Chamber fl-14 ta' Ottubru 2014 fuq domanda tal-Kummissjoni Ewropea.

Domanda tal-Kummissjoni:

"Does the exclusive competence of the [European] Union encompass the acceptance of the accession of a non-Union country to the Convention on the civil aspects of international child abduction [conlcluded in the Hague on] 25 October 1980?"

Opinjoni tal-ECJ:

"The exclusive competence of the European Union encompasses the acceptance of the accession of a third State to the Convention on the civil aspects of international child abduction concluded in the Hague on 25 October 1980".

In segwitu ghal din l-Opinjoni moghtija fl-14 ta' Ottubru 2014[1] l-istati membri tal-Unjoni Ewropea jkunu jistghu jikkoperaw ma' pajjizi li mhux stati membri tal-Unjoni Ewropea fir-rigward tal-Konvenzjonijiet tal-Aja wara li jintlahaq arrangament bejn dak il-pajjiz mhux membru u l-Unjoni Ewropea bhala blokk u mhux fuq bazi individwali. Dan ifisser illi fic-cirkostanza fejn pajjiz mhux stat membtru tal-Unjoni Ewropea isir firmatarju tal-Konvenzjoni tal-Aja dwar Sekwestru ta' Minuri, Malta ma tkunx tista' awtomatikament tibda tahdem mieghu jekk qabel ma jkunx hemm rikonoxximent mill-Unjoni Ewropea bhala blokk. Dr Axiaq spjega illi minhabba dak appena spjegat fit-termini ta' l-opinjoni tal-Qorti Ewropea tal-Gustizzja "Malta ma tistax taqbad u taccetta pajjiz signatory iehor u b'hekk ma stajniex ….nibdew nahdmu awtomatikament maghhom" fuq il-kaz tal-attur.

Ikkunsidrat;

**COUNCIL DECISION (EU) 2015/2355**

Jirrizulta illi sitt xhur wara li ta t-testimonjanza tieghu Dr Axiaq ghall-Awtorita' Centrali Maltija, precizament fl-10 ta' Dicembru 2015, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea ta decizzjoni li permezz taghha awtorizza lill-istati membri sabiex fl-interess tal-Unjoni Ewropean jaccettaw lill-accessjoni tal-Federazzjoni Russa ghall-Konvenzjoni tal-Aja tas-sena 1980 dwar Htif Internazzjonali tat-Tfal. Taqra kif gej:-

**COUNCIL DECISION (EU) 2015/2355 of 10 December 2015 authorising certain Member States to accept, in the interest of the European Union, the accession of the Russian Federation to the 1980 Hague Convention on the Civil Aspects of International Child Abduction**

THE COUNCIL OF THE EUROPEAN UNION,

Having regard to the Treaty on the Functioning of the European Union, and in particular Article 81(3) in conjunction with Article 218 thereof,

[1] Ara kopja a fol. 122

Having regard to the proposal from the European Commission,

Having regard to the opinion of the European Parliament,

Whereas:

(1) The European Union has set as one of its aims the promotion of the protection of the rights of the child, as stated in Article 3 of the Treaty on European Union. Measures for the protection of children against wrongful removal or retention are an essential part of that policy.

(2) The Council adopted Regulation (EC) No 2201/2003 ([2]) ('Brussels IIa Regulation'), which aims to protect children from the harmful effects of wrongful removal or retention and to establish procedures to ensure their prompt return to the State of their habitual residence, as well as to secure the protection of rights of access and rights of custody.

(3) Regulation (EC) No 2201/2003 complements and reinforces the Hague Convention of 25 October 1980 on the Civil Aspects of International Child Abduction ('the 1980 Hague Convention') which establishes, at international level, a system of obligations and cooperation among contracting states and between central authorities, and aims to ensure the prompt return of wrongfully removed or retained children.

(4) All Member States of the Union are party to the 1980 Hague Convention.

(5) The Union encourages third states to accede to the 1980 Hague Convention and supports the correct implementation of the 1980 Hague Convention by participating, along with the Member States, inter alia, in the special commissions organised on a regular basis by the Hague Conference on private international law.

(6) A common legal framework applicable between Member States of the Union and third states could be the best solution to sensitive cases of international child abduction.

(7) The 1980 Hague Convention stipulates that it applies between the acceding state and such contracting states as have declared their acceptance of the accession.

(8) The 1980 Hague Convention does not allow regional economic integration organisations such as the Union to become party to it. Therefore, the Union cannot accede to that Convention, nor can it deposit a declaration of acceptance of an acceding state.

(9) Pursuant to Opinion 1/13 of the Court of Justice of the European Union,

declarations of acceptance under the 1980 Hague Convention fall within the exclusive external competence of the Union.

(10) The Russian Federation deposited its instrument of accession to the 1980 Hague Convention on 28 July 2011. The 1980 Hague Convention entered into force for the Russian Federation on 1 October 2011.

(11) Several Member States have already accepted the accession of the Russian Federation to the 1980 Hague Convention. An assessment of the situation in the Russian Federation has led to the conclusion that those Member States that have not yet accepted the accession of the Russian Federation, are in a position to accept, in the interest of the Union, the accession of the Russian Federation under the terms of the 1980 Hague Convention.

(12) The Member States that have not yet accepted the accession of the Russian Federation should therefore be authorised to deposit their declarations of acceptance of accession of the Russian Federation in the interest of the Union in accordance with the terms set out in this Decision. The Republic of Bulgaria, the Czech Republic, the Republic of Estonia, Ireland, the Hellenic Republic, the Kingdom of Spain, the French Republic, the Republic of Croatia, the Republic of Lithuania, Romania, the Republic of Slovenia, the Slovak Republic and the Republic of Finland which have already accepted the accession of the Russian Federation to the 1980 Hague Convention should not deposit new declarations of acceptance as the existing declarations remain valid under public international law.

(13) The United Kingdom and Ireland are bound by Regulation (EC) No 2201/2003 and are taking part in the adoption and application of this Decision.

(14) In accordance with Articles 1 and 2 of Protocol No 22 on the position of Denmark, annexed to the Treaty on European Union and to the Treaty on the Functioning of the European Union, Denmark is not taking part in the adoption of this Decision and is not bound by it or subject to its application,

HAS ADOPTED THIS DECISION:

*Article 1*

1. The Member States that have not yet done so are hereby authorised to accept the accession of the Russian Federation to the Hague Convention of 25 October 1980 on the Civil Aspects of International Child Abduction (‘the 1980 Hague Convention’) in the interest of the Union.

2. Member States referred to in paragraph 1 shall, no later than 11 December 2016, deposit a declaration of acceptance of the accession of the Russian Federation to the 1980 Hague Convention in the interest of the Union worded as follows:

'[Full name of MEMBER STATE] declares that it accepts the accession of the Russian Federation to the Hague Convention of 25 October 1980 on the Civil Aspects of International Child Abduction, in accordance with Council Decision (EU) 2015/2355'

3. Each Member State shall inform the Council and the Commission of the deposit of its declaration of acceptance of the accession of the Russian Federation and communicate to the Commission the text of the declaration within two months of its deposit.

*Article 2*

Those Member States which deposited their declarations of acceptance of the accession of the Russian Federation to the 1980 Hague Convention prior to the date of adoption of this Decision, shall not deposit new declarations.

*Article 3*

This Decision shall enter into force on the day following that of its publication in the *Official Journal of the European Union*.

*Article 4*

This Decision is addressed to all Member States with the exception of the Republic of Bulgaria, the Czech Republic, the Kingdom of Denmark, the Republic of Estonia, Ireland, the Hellenic Republic, the Kingdom of Spain, the French Republic, the Republic of Croatia, the Republic of Lithuania, Romania, the Republic of Slovenia, the Slovak Republic and the Republic of Finland.

Done at Brussels, 10 December 2015"

Fl-udjenza tal-11 ta' Frar 2016 l-attur informa illi l-minuri baqa' mhux rintraccjat u ghalhekk talab li l-Qorti tghaddi ghas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Tenut kont illi mill-provi mressqa mill-attur gie sodisfacentement ippruvat illi ir-ritenzjoni tal-minuri mill-omm gewwa r-Russja tammonta ghal decizzjoni unilaterali tal-omm illi titrasloka il-minuri minn Malta ghar-Russja minghajr il-

kunsens tal-missier, il-Qorti tqies id-decizzjoni tal-omm li tirritjeni lill-minuri gewwa r-Russja bhala wahda abbuziva u leziva sew tad-drittijiet tal-minuri kif ukoll dawk tal-missier.

Tenut kont li l-attur ghadu ghaddej bit-tentativi tieghu sabiex il-minuri jigi ritornat mir-Russja lura Malta, il-Qorti sejra f'dan l-istadju tastjeni milli tippronunzja ruhha dwar it-talba tal-attur li jigi akkordat il-kura u kustodja tal-minuri stante li l-minuri huwa assenti minn dawn il-Gzejjer.

Jekk u meta l-minuri jigi ritornat fil-gurisdizzjoni Maltija, l-missier ikun jista' jadixxi lill-Qorti mill-gdid bit-talbiet tieghu fir-rigward tal-minuri skont ic-cirkostanzi li jkunu jissussistu dak iz-zmien.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi l-kawza billi prevja li tiddisponi mir-risposta tal-kuraturi deputati ghall-assenti,

1. Tilqa' l-ewwel talba tal-attur u tiddikkjara illi l-intimata hija unikament responsabbli ghat-tkissir taz-zwieg ta' bejn il-partijiet minhabba abbandun.

2. Tilqa' t-tieni talba tal-attur u tippronunzja s-separazzjoni personali ta' bejn il-partijiet.

3. Tilqa` t-tielet talba tal-attur b'dan illi xxolji l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet u tillikwida l-istess skont kif deciz taht l-intestatura 'Komunjoni tal-Akkwisti'.

4. Tilqa` r-raba talba tal-attur skont kif deciz taht l-intestatura 'Komunjoni tal-Akkwisti u ghalhekk tassenja sehem il-konvenuta mid-dar matrimonjali, bid-dejn fuqha gravanti, lill-attur, filwaqt li tordna lill-attur ihallas lill-konvenuta nofs il-pagamenti mensili li saru fuq is-self tad-dar matrimonjali, mid-data tal-akkwist tal-fond in kwistjoni sad-data meta l-konvenuta abbandunat id-dar matrimonjali u cioe' minn Frar tas-sena 2010 sa Awwissu tas-sena 2014, oltre nofs id-depozitu li kien sar fuq il-prezz tad-dar. L-attur jibqa' wahdu responsabbli ghall-hlas tad-dejn gravanti sew id-dar matrimonjali sew il-komunjoni tal-akkwisti.

5. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-hames, is-sitt u s-seba' talba tal-attur ghar-ragunijiet indikati taht l-intestatura 'Kura u Kustodja u Manteniment ghall-Minuri" filwaqt li jibqa' impregudikat id-dritt tal-attur li jadixxi lill-Qorti dwar dawn l-istess talbiet jekk u meta l-minuri jigi ritornat lura hawn Malta.

6. Tilqa` t-tmien talba u tordna li din is-sentenza tigi registrata fir-Registru Pubbliku.

Bl-ispejjez kontra l-assenti intimata b'dan illi l-ispejjez tal-kuraturi deputati ghall-assenti ghandhom jithallsu provvizorjament mill-attur.

**Imhallef** **Deputat Registratur**